# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 403/2012

## tal-10 ta' Mejju 2012

## li jemenda għall-170 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati man-netwerk ta' Al-Qaida

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati man-netwerk ta' Al-Qaida ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1)(a) u 7a(5) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skont dak ir-Regolament.

(2) Fit-30 ta' April 2012 u t-3 ta' Mejju 2012, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċida li jneħħi tliet persuni fiżiċi mil-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet tiegħu li għalihom japplikaw l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi wara li ġew ikkunsidrati t-talb għat-tħassir minn fuq il-lista sottomessa minn dawn l-individwi u r-Rapporti Komprensivi tal-Ombudsperson stabbiliti skont ir-Regolament 1904(2009) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.

(3) Għaldaqstant, l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 għandu jiġi aġġornat skont dan.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Mejju 2012.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
*Il-Kap tas-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija*

([1]) ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9.

*ANNESS*

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat kif ġej:

(1) Jitħassru l-annotazzjonijiet li ġejjin taħt l-intestatura "Persuni naturali":

'Sa'd Abdullah Hussein Al-Sharif (magħruf ukoll bħala Sa'd al-Sharif). Data tat-twelid: 11.2.1964. Post tat-twelid: Al-Medinah, l-Arabja Sawdija. Nazzjonalità: Sawdija. Numru tal-passaport: (a) B 960789, (b) G 649385 (maħruġ fit-8.9.2006, jiskadi fis-17.7.2011). Tagħrif ieħor: Ħaten u kollaboratur mill-qrib ta' Usama Bin Laden; jingħad li jmexxi l-organizzazzjoni finanzjarja ta' Usama Bin Laden. Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 25.1.2001.'

(2) 'Mounir Ben Habib Ben Al-Taher Jarraya (magħruf ukoll bħala (a) Mounir Jarraya, (b) Yarraya). Indirizz: (a) Via Mirasole 11, Bologna, l-Italja, (b) 8 Via Ariosto, Casalecchio di Reno (Bologna), l-Italja. Data tat-twelid: (a) 25.10.1963, (b) 15.10.1963. Post tat-twelid: (a) Sfax, it-Tuneżija, (b) it-Tuneżija. Nazzjonalità: Tuneżina. Numru tal-passaport: L065947 (passaport Tuneżin maħruġ fit-28.10.1995, li skada fis-27.10.2000). Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 25.6.2003.'

(3) 'Fethi Ben Al-Rabei Ben Absha Mnasri (magħruf ukoll bħala (a) Mnasri Fethi ben Rebai, (b) Mnasri Fethi ben al-Rabai, (c) Mnasri Fethi ben Rebaj, (d) Fethi Alic, (e) Amor, (f) Abu Omar, (g) Omar Tounsi, (h) Amar). Indirizz: Birmingham, ir-Renju Unit. Data tat-twelid: (a) 6.3.1969, (b) 6.3.1963, (c) 3.6.1969. Post tat-twelid: (a) Al-Sanadil Farm, Nefza, Governorat ta' Baja, it-Tuneżija; (b) it-Tuneżija; (c) l-Alġerija. Nazzjonalità: Tuneżina. Numru tal-passaport: L497470 (passaport Tuneżin maħruġ fit-3.6.1997, li skada fit-2.6.2002). Tagħrif ieħor: Isem l-omm hu Fatima Balayish. Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 25.6.2003.'